**2 ta' Novembru, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino - B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

L-Avukat Grazio Mercieca *noe*

*versus*

L-Avukat Pierre Lofaro *noe*

## Komputazzjoni ta' Imgħaxijiet - Imgħaxijiet fuq Imgħaxijiet

*F'dan il-każ l-appellant ikkontesta dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn kreditur gie awtorizzat jesegwixxi sentenza preċedenti wara l-għeluq ta' tliet snin. L-appellant issottometta illi bit-tieni sentenza*

*l-kreditur ġie awtorizzat jesegwixxi mhux biss fuq is-somma kanonizzata permezz ta' l-ewwel sentenza, iżda wkoll fuq l-imgħaxijiet illi kienu għadhom jiddekorru, u imgħaxijiet ulterjuri.*

*Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat illi l-komputazzjoni ta' l-imgħax hija eżerċizzju matematiku konsegwenzjali għall-kanonizzazzjoni tal-kapital li tista' u għandha ssir amministrattivament fil-kollazzjoni tal-mandat meta dan isir, jew, bi ftehim għall-fini ta' ħlas bejn il-kreditur u d-debitur, meta allura ma jkunx jeħtieġ l-ebda att eżekuttiv ulterjuri.*

*Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat ukoll illi ma kien hemm l-ebda lok għall-kundanna ta' l-appellant għall-ħlas ta' l-imgħax, billi tali kundanna kienet ġa' saret fl-ewwel sentenza. Una volta sar dan l-eżerċizzju mill-ewwel Qorti, kien ikun ġust u sewwa li kieku t-tieni Qorti ddikjarat li l-ammont ta' l-imgħax ġie kkwantifikat. Pero' meta t-tieni Qorti kkonfermat is-sentenza appellata u kkundannat lid-debitur sabiex iħallas l-imgħaxijiet, dan l-imgħax skadut ikun ġie mill-ġdid kanonizzat b'sentenza u isir allura kapital li fuqu jerġa' jibda jiddekorri l-imgħax.*

*Il-liġi tikkontempla l-possibilita' ta' imgħax fuq imgħax. L-artikolu 1142 tal-Kapitolu 16 jipprovdi li l-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu imgħaxijiet oħra sew bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, minn dakinhar tat-talba ġudizzjarja għal daqshekk, jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li fiż-żewġ każijiet, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena.*

*Hu ovvju illi t-talba ġudizzjarja tal-kreditur trid tkun dikjaratorja li ser jibdew jgħaddu l-imgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet u l-kundanna tad-debitur għall-ħlas tagħhom m'għandhiex tkun talba għall-kanonizzazzjoni ta' l-ammont ta' imgħax li jkun skadut u dovut.*

Il-Qorti:-

L-appellanti - kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eredita` ġjaċenti tal-mejjet John M. Sultana - hekk sewwa jelenkaw il-fatti sempliċi meritu tal-kawża;

"a) Illi l-Bank of Valletta Limited qiegħed jallega illi b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tal-31 ta' Marzu, 1976, is-soċjeta` attriċi ġiet kanonizzata kreditriċi ta' John Mary Sultana fis-somma ta' ħamsa u tletin elf, ħames mija, sebgħa u disgħin lira Maltija dsatax-il ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm35,597.19,5) bilanċ a debitu fil-kont kurrenti tal-Bank of Valletta Limited flimkien ma' imgħaxijiet ulterjuri mit-22 ta' Ġunju, 1975 sa l-effettiv pagament;

b) Illi l-Bank of Valletta Limited qiegħed jallega illi xi żmien wara din is-sentenza John Mary Sultana miet;

ċ) Illi l-Bank of Valletta Limited qiegħed jallega wkoll illi qatt ma tħallas xejn mill-kreditu allegatament kanonizzat bl-imsemmija sentenza tal-31 ta' Marzu, 1976;

d) Illi peress illi għaddew aktar minn tliet snin is-soċjeta` Bank of Valletta Limited ippreżentat il-kawża *de quo* fejn oltre t-talba biex tiġi awtorizzata tesegwixxi l-imsemmija sentenza, talbet ukoll illi l-esponenti *nomine* jiġu kkundannati jħallsuha s-somma ta' Lm32,302.22,0 - interessi fuq is-somma kanonizzata bl-imsemmija sentenza u dan sal-25 ta' Settembru, 1988, bl-interessi ulterjuri minn din l-aħħar data sal-pagament effettiv";

Il-Qorti tal-Kummerċ, fis-sentenza tas-**27 ta' Marzu, 1990** (1) **awtorizzat** lill-bank attriċi li tesegwixxi s-sentenza tagħha tal-31 ta' Marzu, 1976, fl-ismijiet **Daniel Cremona bħala Chairman**

**u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Limited *vs* John Mary Sultana,** u (2) **ikkundannat** lilll-konvenuti *nomine* li jħallasu lill-attur *nomine* s-somma ta'Lm32,205 (tnejn u tletin elf, mitejn u ħames liri maltin) **għall-interessi** fuq is-somma kanonizzata bl-imsemmija sentenza u dan sal-25 ta' Settembru, 1988. Bl-interessi ulterjuri *minn dik l-aħħar data sal-pagament effettiv u bl-ispejjeż* kontra l-konvenuti *nomine*;

Dawn huma l-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti:

"Il-kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eredita` ġjaċenti ta' Giovanni Maria Sultana ma mexxilhomx jagħtu eċċezzjonijiet kontra t-talbiet għaliex ma ngħatawx informazzjoni fuq il-meritu tal-kawża;

Il-Qorti semgħet lill-avukat Dr. Reno Borg għall-bank attriċi *li kkonferma li d-dejn tal-mejjet Giovanni* Maria Sultana *ma ġiex* saldat, u s-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Marzu, 1976 baqgħet ma ġietx esegwita;

F'din il-kawża l-bank qiegħed ukoll jitlob li jikkanonizza l-interessi li ddekorrew fuq is-sorte tas-sentenza msemmija, liema interessi ġew ikkomputati skond il-liġi - interessi sempliċi";

*Omissis*;

L-aggravju ta' l-appellanti *nomine* huwa:

"Ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet huma ġa` rregolati bl-allegata sentenza tal-31 ta' Marzu, 1976 li permezz tagħha John Mary Sultana ġie kkundannat, *inter alia*, iħallas imgħaxijiet ulterjuri fuq

is-somma ta' Lm35,597.19,5 mit-22 ta' Ġunju, 1975 sa l-effettiv pagament u għalhekk l-istess talba hija superfluwa u intiża biss biex tkabbar konsiderevolment l-ispejjeż. Fil-fatt is-soċjeta` appellata ma ggwadanjat xejn ġdid biha. Jekk f'moħħha kellha l-imgħaxijiet komposti dan l-iskop setgħet faċilment ottjenietu b'sempliċi talba konsistenti f'dikjarazzjoni illi sal-25 ta' Settembru, 1988 l-imgħax kien tela' għal Lm32,205.22,0 liema talba kienet tkun aktar korretta, daqstant effikaċi u tqum ferm u ferm inqas";

Bis-sentenza tal-31 ta' Marzu, 1976 il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba attriċi **kif dedotta fiċ-ċitazzjoni** bl-ispejjeż kontra l-konvenut. It-talba kienet għall-kanonizzazzjoni ta' l-ammont ta' Lm35,597.19,5 (ħamsa u tletin elf, ħames mija sebgħa u disgħin lira, dsatax-il ċenteżmu u ħames milleżmi) bilanċ a debitu fil-kont kurrenti tal-Bank of Valletta Limited (intestat f'isem John Mary Sultana) **flimkien ma' imgħaxijiet ulterjuri mit-22 ta' Ġunju, 1975 sa l-effettiv pagament**. La l-pagament sal-lum għadu ma sarx, hu ovvju li l-imgħaxijiet baqgħu u għadhom jiddekorru. Dwarhom għadha fis-seħħ il-kanonizzazzjoni magħmula fis-sentenza appena ċitata. Il-komputazzjoni ta' l-imgħax hija eżerċizzju matematiku konsegwenzjali għall-kanonizazzjoni tal-kapital li tista' u għandha ssir amministrittavament fil-kollazjoni tal-mandat meta dan isir, jew, bi ftehim għall-fini ta' ħlas bejn il-kreditur u d-debitur, meta allura ma jkun jeħtieġ l-ebda att eżekuttiv ulterjuri;

L-appellant *nomine* jiġġustifika "t-talba ta' l-imgħaxijiet, sabiex il-Bank of Valletta jkun jista' jesegwixxi fuq deċiżjoni ċara u ma joqgħodx iħabbat wiċċu ma' problemi li soltu jiffaċċja fl-esekuzzjoni ta' sentenza". Il-Qorti ma taqbilx. Kien ikun ġustifikat li kieku pprova illi kien ittanta jesegwixxi s-sentenza tal-31 ta' Marzu, 1976 u sab xi diffikulta. Is-sentenza altru li kienet ċara u

ma kellha tipprovoka l-ebda diffikulta. Infatti, fil-mandat ta' sekwestru, neċessarjament kawtelatorju, li l-appellat *nomine* ppreżenta fis-26 ta' Jannar, 1989 hu ma kellu l-ebda diffikulta` jitlob il-kawtela ukoll ta' l-"imgħax **legali** mit-22 ta' Ġunju, 1975 sad-data ta' l-effettiv pagament". Kif ġew lilu kanonizzati bis-sentenza preċitata;

Dan l-aggravju hu għalhekk ġustifikat fis-sens li ma kienx hemm lok għat-tieni talba kif dedotta, in kwantu taggrava bla bżonn bi spejjeż tal-preżenti istanza. Jiġifieri ma kienx hemm lok għall-**kundanna** tal-kovenut *nomine* għall-ħlas ta' l-imgħax billi tali kundanna kienet diġa` saret fis-sentenza tal-31 ta' Marzu, 1976. Ġust u sewwa li una volta l-eżerċizzju sar mill-ewwel Qorti jiġi ddikjarat - kif qed jiġi ddikjarat - li l-ammont ta' imgħax skadut u dovut sal-25 ta' Settembru, 1985 huwa ta' Lm32,205.22 (tnejn u tletin elf, mitejn u ħames liri u tnejn u għoxrin ċenteżmu), liema imgħax baqa' jiddekorri u jawmenta b'dak skadut sal-lum u sa l-effettiv pagament. Hu ġust li l-aggravju jitqies ukoll fid-dawl tad-dritt tal-bank attriċi għall-imgħaxijiet komposti. Dan għaliex hu ċar li jekk tiġi kkonfermata din il-parti tas-sentenza appellata u tibqa' sseħħ il-kundanna mitluba fit-tieni talba, dan l-imgħax skadut ikun ġie mill-ġdid kanonizzat b'sentenza u jsir allura **kapital** li fuqu jerġa' jibda jiddekorri l-imgħax;

Issa hu veru li l-liġi tikkontempla l-possibilita` ta' imgħax fuq imgħax. L-artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) jipprovdi li l-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra sew bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, **minn dakinhar tat-talba ġudizzjarja għal daqshekk** jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li fil-każ il-wieħed u l-ieħor l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena". Anke

f'din l-eventwalita` __pero__` hu ovvju illi t-talba ġudizzjarja tal-kreditur trid tkun dikjaratorja li ser jibdew jgħaddu l-imgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet u l-kundanna tad-debitur għall-ħlas tagħhom m'għandhiex tkun talba għall-kanonizzazzjoni ta' l-ammont ta' imgħax li jkun skadut u dovut;

Il-Qorti għalhekk se tilqa' t-tieni talba biss inkwantu hi **__dikjaratorja__** ta' l-ammont dovut f'imgħax bid-dekors ta' żmien fiha indikat, u mhux bħala **__kundanna__**. Hekk ukoll għandha tiġi ntaxxata din it-talba kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-istadju ta' appell. dan għaliex una volta t-talba tirriżulta taħt dawn l-aspetti, ovvjament superfluwa u żejda, mhux il-każ li **__l-kontendenti__** jiġu aggravati u penalizzati bi spejjeż żejda li setgħu fl-ewwel lok, u għandhom issa, jiġu evitati. Hekk tirrikjedi l-ġustizzja u l-ekwita`;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu awtorizzat lill-bank attriċi li tesegwixxi s-sentezna tagħha tal-31 ta' Marzu, 1976 fl-ismijiet **Daniel Cremona bħala Chairman u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Limited *vs* John Mary Sultana**; tilqa' t-tieni talba biss fis-sens li tiddikjara li s-somma ta' Lm32,205 (tnejn u tletin elf, mitejn u ħames liri) kienu dovuti lill-attur *nomine* għall-interessi fuq is-somma kanonizzata bl-imsemmija sentenza u dana sal-25 ta' Settembru, 1988 kif diġa` ddikjarat u deċiż fl-istess sentenza u tirrevokaha in kwantu kkundannat mill-ġdid lill-eredita` ta' John Mary Sultana jħallsu dan l-ammont ta' interessi. B'dan li s-sentenza tal-31 ta' Marzu, 1976 tibqa' eżegwibbli fit-termini preċiżi tad-decide tagħha;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti *nomine* b'dan illi t-tieni talba tal-attur *nomine* għandha tiġi ntaxxata f'kull istanza bħala

waħda biss **dikjaratorja** u mhux bħala kundanna għall-ħlas. L-attur *nomine* għandu jagħmel tajjeb fl-ewwel lok għad-drittijiet tal-kuraturi deputati.